# ĦABSI

Qatt ma ħebbejt għal ħadd, qatt ma qlajt idi,
Għax ħbieb biss kelli, ma kontx naf b'egħdewwa:
Nagħti l-għajnuna 'l min tiħtieġlu, is-sewwa
U l-ħaqq dejjem għamilt, għaliex dawk ġidi.

'L għajri ħabbejt bħalma ħabbejt 'il Sidi;
Għall-kliem bil-herra jien weġibt bil-ħlewwa;
Lill-fqir bla dar ilqajt f'dari u ġewwa
Ħobżi qsamt miegħu—sakemm tlift il-Fidi!

Waqt li mill-knisja darba kont ġej lura
Waqqafni wieħed u għajjarli 'l ommi!
Kien minnu dak li qal—mara ħażina?

Sirt qalil f'daqqa u b'qalbi hekk miksura,
Intlift għal kollox. Ma weġibtux b'fommi:
Fid-dagħdigħa kif kont ħriġt is-sikkina!

23 - 11 - 39 ALBERT M. CASSOLA.